**Muniti Ġodda għal Malta**

Permezz tar-rakkommandazzjonijiet tal-Kumitat tad-Deċimalizzazzjoni tal-Flus li kien inħatar fl-1967, f'Settembru ta' l-1971 il-Gvern Malti għadda l-leġislazzjoni meħtieġa sabiex il-munita lokali tisfa' deċimalizzata. Għalhekk, il-muniti Ingliżi li kien hawn fiċ-ċirkulazzjoni – ¼d, ½d, 1d, 3d, 6d, 1/-, 2/-, 2/6, 5/- (iċ-"Churchill Crown"), u l-5p, 10p u l-50p, ġew demonetizzati f'partijiet, u f'Mejju ta' l-1972 inħareġ minflokhom sett ta' muniti Maltin. Il-Lira Maltija (imsejħa bl-Ingliż l-ewwel "Malta Pound", u mbagħad, fl-1983, "Maltese lira") inżammet bħala l-qies tal-flus ta' Malta. Din inqasmet f'100 ċenteżmu, u kull ċenteżmu nqasam f'10 milleżmi.Għall-ewwel kienu nħarġu tmien muniti b'dawn id-denominazzjonijiet: 2 milleżmi, 3 milleżmi, 5 milleżmi, 1 ċenteżmu, 2 ċenteżmi, 5 ċenteżmi, 10 ċenteżmi, 50 ċenteżmu. Il-milleżmi kienu ta' l-aluminju, iċ-ċenteżmu tal-bronż, u l-bqija ta' taħlita ta' ram u nikil. Fit-13 ta' Diċembru 1974, Malta tħabbret bħala Repubblika fi ħdan il-"Commonwealth". Biex titfakkar din il-ġrajja, f'Ġunju ta' l-1975 kienet inħarġet munita tal-25 ċenteżmu magħmula minn taħlita tan-nikil u tar-ram isfar.

Din il-ġabra ta' muniti deċimali kienet tirrappreżenta l-ewwel muniti maħruġin minn Malta bħala nazzjon indipendenti u kien il-għelm ta' żmien ġdid li fih il-muniti ta' Malta setgħu ikunu fiċ-ċirkulazzjoni huma weħidhom.

Fl-1986 inħarġet ġabra ġdida ta' seba' muniti definittivi, fid-denominazzjonijiet tal-Lm1, 50 ċenteżmu, 25 ċenteżmu, 10 ċenteżmi, 5 ċenteżmi, 2 ċenteżmi u ċenteżmu. L-ewwel waħda minnhom li nħarġet kienet il-munita ta' l-10 ċenteżmi, li ġiet introdotta fid-19 ta' Mejju 1986. F'din il-ġabra l-ġdida dehret għall-ewwel darba munita ġdida, dik tal-Lm1, li ħadet post il-karta tal-Lm1.